MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Numru. 871/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Ali Abdullah Mizughi Midad ta' 30 sena, ta' nazzjonalita Libjana, imwieled Tripoli fl-10/05/1975 iben Abdullah u Salma u detentur ta' numru tal-passaport mhux maghruf**

**<u>Illum 14 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ali Abdullah Mizughi Midad u cioe talli fil-10 ta' Mejju 2004 ghall-habta tal-11 ta' filghodu harab minn post ta' kustodja pubblika ai t-termini ta' l-Artikoli 151 u 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli f'Gunju 2004 bhala persuna illi imbarka f'Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli sar recediv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat A. Mizzi LL.D) datata 08/02/2001 u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D) datata 19/08/2003 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-ammissjoni registrati mill-akkuzat u dan wara li fil-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2005 huwa anke ddikjara li ismu fl-akkuzi kien fil-fatt l-isem veru ta' l-imputat, dan tenut kont tal-fatt li fl-interrogatorju ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarji. Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti bin-nota ta' ammissjoni tieghu qed issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u danwaqra li rat l-artikoli 151, 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll l-artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu hati ta' l-istess, kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat l-artikolu 31 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------